MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 327/2006

Frederick Attard
vs
Malta International Airport p.l.c.

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi r-rikorrent li huwa impjegat bhala “senior officer” mas-socjeta` intimata kien gie sospiz mill-impjieg tieghu minhabba proceduri ta’ dixxiplina mehuda kontrih;

2. Illi fl-imsemmija proceduri dixxiplinarji nstab illi l-akkuzi dedotti kontra r-rikorrenti kienu infondati, u fil-fatt huwa gie liberat mill-akkuzi kollha b’decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell komunikata lis-socjeta` intimata fis-7 ta’ Marzu 2005 u notifikata lir-rikorrenti b’ittra tat-30 ta’ Mejju 2005 mibghuta mis-socjeta` intimata;

3. Illi minhabba l-istess proceduri dixxiplinarji r-rikorrenti kien gie sospiz mill-impjieg tieghu b'effett mill-5 ta' Mejju 2003, u tqieghed fuq nofs paga ghall-perjodu mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003, u inoltre r-rikorrent sofra danni konsistenti f'telf ta' "allowances", "government bonuses" u "cost of living adjustments" ghall-perijodu mill-imsemmija data ta' sospensjoni sa Gunju 2004;

4. Illi ghalhekk ir-rikorrent ghandu jiehu minghand is-socjeta` intimata s-somma komplessiva ta' Lm5,573.40c: in kwantu ghal Lm1,289.83c bhala hlas ta' nofs il-paga li ma nghatatlux; u in kwantu ghal Lm4,287.57c bhala danni, u dana kollu kif jidher mill-istatement anness mar-rikors u immarkat Dok "A";

5. Illi r-rikorrent interpella inutilment lis-socjeta` intimata permezz ta' ittra ufficjali;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li din il-Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li r-rikorrent kien minhabba l-proceduri ta' dixxipplina mehuda kontrih, gie sospiz b'effett mill-5 ta' Mejju 2003 u tqieghed fuq nofs paga ghall-perjodu mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003;

2. Tiddikjara li minhabba l-imsemmija proceduri ta' dixxipplina, f'liema kien gie liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih b'decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, huwa sofra danni konsistensti f'telf ta' "allowances", "government bonuses", u "cost of living adjustments";

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' Lm5,573.40c: in kwantu Lm1,289.83c bhala hlas ta' nofs il-paga li ma nghatatlux ghall-perjodu mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003; u in kwantu ghal Lm4,287.57c rappresentanti hlas ta' danni li huwa sofra u konsistenti f'telf ta' "allowances", "government bonuses" u "cost of living adjustments" ghall-perjodu mill-5 ta' Mejju 2003 sa

Gunju 2004 u dan jidher mill-istatement anness mar-rikors u immarkat “Dok A”.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2004 u tal-11 ta’ Novembru 2005 u bl-imghaxijiet mis-7 ta’ Marzu 2005 u cioe` minn meta s-socjeta` intimata giet notifikata bid-data tad-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli fuq isemmi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Malta International Airport p.l.c. u konfermata bil-gurament minn Austin Calleja, Direttur u Chief Financial Officer ta’ Malta International Airport p.l.c. li biha eccepixxa:

Id-difiza

1. Illi l-ammont rapprezentanti hlas tan-nofs tal-paga bazika li nzammet lir-rikorrent waqt il-perjodu li fih kien sospiz mhux dovut stante li, kif ser jigi spjegat, dan l-ammont kien diga thallas lir-rikorrent mis-socjeta` intimata f’Gunju tas-sena 2004 permezz ta’ cekk bin-numru 018022 liema cekk kien ukoll jinkludi hlas ta’ somom ohrajn;

2. Illi dawk l-ammonti li qed jitlob ir-rikorrent u li ma gewx imhallsa lilu, u cioe` ammonti rapprezentanti *allowances* varji, fosthom *shift allowance, Sunday allowance, public holiday allowance* u *overtime allowance*, ma thallsux lir-rikorrent stante li waqt il-perjodu ta’ sospensjoni m’ghamilx xoghol li jintitolah ghall-hlas ta’ dawn l-*allowances*;

3. Illi jekk din il-Qorti hija tal-fehma li meta tilef dawn l-*allowances* ir-rikorrent sofra xi danni, is-socjeta` rikorrenti m’ghandiex titqies responsabbli skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 1030 tal-Kap 16, stante li ghamlet biss uzu minn jedd taghha fil-qies li jmiss;

Il-fatti

4. Illi r-rikorrent huwa impjegat tas-socjeta` intimata bhala *senior officer*;

5. Illi fil-5 ta' Mejju 2003 ittiehdu passi dixxiplinari kontra r-rikorrent li gie mixli li bl-agir tieghu, fost affarijiet ohra, irreka hsara volontarja lir-reputazzjoni tas-socjeta` rikorrenti;

6. Illi dawn il-proceduri dixxiplinari gew maghrufa lir-rikorrent permezz ta' ittra, kopja ta' liema giet annessa mar-risposta u giet immarkata "Dok A";

7. Illi l-passi dixxiplinari kienu jikkonsistu f'sospensjoni tar-rikorrent mix-xoghol fuq nofs il-paga bazika, skond id-dispozizzjonijiet tal-ftehim kollettiv, (estratt anness mar-risposta u immarkat "Dok B") liema sospensjoni kienet effettiva mill-5 ta' Mejju 2003 u baqghet fis-sehh sal-21 ta' Settembru 2003;

8. Illi permezz ta' tahrika mill-pulizija ezekuttiva, mahruga fil-11 ta' Gunju 2004 kontra s-Sur Peter Bolech, Direttur u Chief Executive Officer tas-socjeta` intimata, (kopja annessa mar-risposta u immarkata "Dok C") l-istess socjeta` intimata giet akkuzata li naqset milli thallas xi ammonti lir-rikorrent, liema ammonti kienu jinkludu hlasijiet ta' salarji sa April ta' l-2004;

9. Illi s-socjeta` intimata hallset l-ammont mitlub mit-tahrika lir-rikorrent permezz tac-cekk bin-numru 018022, (kif jidher minn *statement* anness mar-risposta u immarkat "Dok D") u ghaldaqstant il-proceduri kriminali gew irtirati fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2004;

10. Illi c-cekk fuq imsemmi kien ghas-somma ta' tlett elef mija u hamsa u tmenin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm3,185.26) u kien jinkludi, fost affarijiet ohra, bilanc tal-paga mizmuma lir-rikorrent sal-ahhar ta' April 2004, inkluz nofs il-paga bazika mizmuma mir-rikorrent waqt il-perjodu ta' sospensjoni;

11. Illi flimkien mas-salarju ta' Lulju 2004, is-socjeta` intimata hallset lir-rikorrenti l-ammont ta' elf mija u tletin Lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm1,130.67) rapprezentanti l-arretrati fis-salarji ta' Mejju u Gunju 2004, kif jidher mill-kopja tal-*payslip* li giet annessa mar-risposta u giet immarkata "Dok E";

12. Illi issa r-rikorrent qed jitlob il-hlas ta' somom li, kif spjegat diga` gew imhallsa lilu mis-socjeta` intimata, u b'hekk qed jittenta li jgawdi minn arrikkiment ingust ghad-detriment ta' l-intimata;

13. Illi s-socjeta` intimata mxiet dejjem fil-parametri tal-jeddijiet moghtija lilha mil-ligi u mill-ftehim kollettiv (Dok B);

14. Illi skond id-dispozizzjonijiet tal-ftehim kollettiv, jekk jittiehdu mizuri dixxiplinarji kontra xi impjegat u dan l-impjegat ma jinstabx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, dan ghandu jinghata lura n-nofs tal-paga bazika li tkun giet mizmuma lilu (Dok B);

15. Illi l-ftehim kollettiv ma jaghmel ebda referenza ghal xi allowances li qed jintalab il-hlas taghhom fil-proceduri odjerni;

16. Illi din ir-referenza ma ssirx ghaliex klawzola 12 (b) tal-ftehim kollettiv (effettiv sa Dicembru 2003) kif ukoll klawsola 12 (d) tal-ftehim kollettiv (effettiv minn Jannar 2004 sa Dicembru 2006), li jittrattaw dwar impjegati li jahdmu fuq xift, jghidu specifikament illi x-shift allowance "tithallas biss meta l-impjegat attwalment jahdem fuq xift" (estratti annessi mar-risposta u immarkati "Dok F" u "Dok G");

17. Illi dan l-argumet jghodd minghajr ebda dubju wkoll ghal *allowances* moghtija ghal xoghol li jsir nhar ta' Hadd u festi pubblici, kif ukoll ghal *overtime*;

18. Illi matul il-perjodu ta' sospensjoni r-rikorrent qatt ma hadem fuq shift jew overtime jew nhar ta'

Hadd jew xi festa pubbliku u ghaldaqstant ma jistax jippretendi li jithallas *allowances* daqs li kieku hadem fuq xift, xi Hdud u/jew festi pubblici;

19. Illi r-rikorrent tilef dawn il-beneficcji, li qed jippretendi mill-intimati bhala danni, ghaliex l-agir tieghu kien jirrikjedi li l-intimata tiehu passi dixxiplinarji kontra tieghu, u dan mhux b'kapricc kif qed jipprova jimplika r-rikorrenti, izda ghaliex fl-opinjoni ta' l-intimat, impjegat fi grad ta' *Senior Officer*, bhal ma hu r-rikorrent, ghandu jaghti ezempju lil impjegati ohrajn – haga li zgur m'ghamilx ir-rikorrent fl-incident li ta lok ghall-proceduri dixxiplinarji li ttiehdu kontra tieghu;

20. Illi s-socjeta` intimata m'ghandhiex titqies responsabbli skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 1030 tal-Kap 16, stante li ghamlet biss uzu minn jedd taghha fil-qies li jmiss – il-jedd illi tiehu passi dixxiplinarji skond kif jipprovdi l-ftehim kollettiv;

21. Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta` intimata talbet li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' Frederick Attard fejn semma li hu impjegat bhala *senior officer* mal-Malta International Airport p.l.c. B'ittra li ggib id-data tal-5 ta' Mejju 2003, is-socjeta` Malta International Airport p.l.c. hadet passi

dixxiplinarji kontra tieghu, u issospendietu mill-impjieg b'effett immedjat, u ghalhekk ma setax jaghmel ix-*shift* u s-socjeta` poggietu wkoll fuq nofs paga. Din is-sospensjoni baqghet effettiva sat-22 ta' Settembru 2003 sakemm inghatat id-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina fuq il-kaz mahtur mill-Malta International Airport p.l.c. Semma li anke kellu jintavola appell mill-Bord ta' Dixxiplina ghal quddiem il-Bord ta' l-Appelli. Sadanittant gie ordnat "*to proceed on paid special leave (at the basic salary of senior officer) until the conclusion of the eventual appeal*". Mela meta skond il-procedura ta' dixxiplina hu kellu jidhol lura ghax-xoghol bix-*shift*, u bil-grad ta' "*senior officer*" sakemm jinqata' l-appell, hu gie ordnat jibqa' barra mix-xoghol sakemm jintemm il-procedura ta' l-Appell. Gie ordnat jiehu *'forced vacation leave'*. F'Jannar 2004 il-Malta International Airport p.l.c. ezawritlu l-'*vacation leave entitlement'* kollu u waqqfitlu kompletament il-hlas tas-salarju tieghu. Fl-10 ta' Mejju 2004 id-Direttur tax-Xoghol talab lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu passi kriminali kontra d-Direttur tal- Malta International Airport p.l.c. u l-Pulizija Ezekuttiva harget it-tahrika relattiva kontra Peter Bolech, id-Direttur tas-socjeta` intimata. F'din il-komparixxi l-ammont mitlub kien ta' Lm3,185.26c u cioe` zieda ta' Lm565.34c fuq l-ittra tat-13 ta' April 2004, u dana peress li sadanittant lahaq ghadda xahar iehor, ix-xahar ta' April 2004, u fl-imputazzjonijiet il-Pulizija ziedet il-paga tieghu ghax-xahar ta' April 2004 fl-ammont ta' Lm565.34c. Il-kawza tal-Pulizija kienet appuntata ghall-24 ta' Gunju 2004. Dak in-nhar ta' l-appuntament tal-kawza l-imputat Peter Bolech ma deherx ghas-seduta u minflok baghat il-hlas relattiv ta' Lm3,185.26c permezz ta' *cheque* numru 18022. B'decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli hu gie liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih. Din id-decizjoni kienet giet komunikata lis-socjeta` intimata fis-7 ta' Marzu 2005 pero` notifikata lilu tramite l-avukat tieghu xahar u tliet gimghat wara, u cioe` bl-ittra tat-30 ta' Mejju 2005.

Sostna li ghalhekk fil-kawza li ghamel kontra l-Malta International Airport p.l.c qed jippretendi li jithallas is-somma komplessiva ta' Lm5,573.40c; in kwantu ghal Lm1,289,83c bhala hlas ta' nofs il-paga li ma nghatatlux mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003; u in

kwantu ghal Lm4,287.57c bhala danni konsistenti f'telf ta' *allowances*, *government bonuses* u *cost of living adjustments* mid-data tas-sospensjoni, u cioe` mill-5 ta' Mejju 2003, sakemm dam barra mix-xoghol u cioe` sat-30 ta' Gunju 2004.

Xehed Frederick Attard in kontro ezami u qal li fuq il-*collective agreement* hemm spjegazzjoni tal-procedura li ghandha tittiehed meta impjegat ikun sospiz. L-akkuza ghamilha s-Sur Calleja. Dwar l-*extras* hu ma kienx Imholli jahdimhom. Ikkonferma li l-kumpanija ma hallsitux ta' nofs il-paga taz-zmien li hu ma thalliex jahdem. Hu thallas Lm3185.26c, huma spjegati fil-dokument li irrefera ghalih, Dok O, li qieghed fil-process a fol 58 flimkien mal-paga ta' April li tigi mizjuda mieghu li tigi precizament Lm3,185.26c. Ma kienx hemm nofs il-paga taz-zmien li dam sospiz. Kien ghamel *reconciliation* u ipprezenta. Dan ma jaqbilx ma' dak tal-kumpanija. Fejn jidhol l-N.I. qal li naqsu mill-paga tieghu ta' Lulju, jigifieri ma ghandhomx x'jaqsmu ma' din il-kawza. Hu meta iverifika mal-*Labour Office*, anzi mal-*Commissioner of inland revenue* sab li hemm *outstanding payments* ta' bolol.

Xehed George Camilleri li hu inkarigat bhala spettur tax-xoghol u jahdem fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi. Ra l-process a fol 58 u 59 tieghu u hemm dokument kopja ta' ittra li hu kien baghat dwar il-kaz in kwistjoni. Jiftakar li effettivament in segwitu ta' dik l-ittra li kienet intbaghtet kienu rcevew ittri lura fejn kien hemm kontestazzjoni dwar l-ammonti mitlubin pero` jiftakar li huma kellhom jiehdu passi kontra l-Malta International Airport dwar il-kaz. Qal li dwar Frederick Attard kienu anke ipprocedew bil-Qorti pero` dakinhar stess li kellu jsir il-kaz kien intlahaq ftehim mas-Sur Attard. In kontro-ezami ikkonferma li l-kawza li kienet saret quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet a bazi ta' l-ittra li tinsab a fol 58 tal-process Dokument O.

Gie prezentat affidavit ta' Anthony Micallef, administrator tas-socjeta` Malta International Airport p.l.c. u ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar 5 snin, li fih issemma li fit-13 ta' Mejju 2003, gie moghti struzzjonijiet minghand Mr.

Alfred Mangion, li dak iz-zmien kien *Division Manager, Human Resources*, sabiex b'effett mill-5 ta' Mejju, l-impjegat numru 1011, *Senior Officer* Frederick Attard, jinghata biss nofs il-paga bazika peress illi kien sospiz waqt li kienu ghaddejjin proceduri dixxiplinarji kontrih. Din is-sospensjoni baqghet fis-sehh sal-21 ta' Settembru 2003. F'Gunju 2004 gie moghti struzzjonijiet johrog cekk lil Frederick Attard ghall-ammont ta' Lm3,185.26, u li d-differenza fil-kontribuzzjonijiet ta' l-N.I. rispettivi ghall-parti tal-hlas li kien attribwit ghas-salarju tas-sena 2003 u 2004 kellhom jithallsu. Fl-1 ta' Lulju 2004 gie infurmat li Frederick Attard kien rega' dahal ghax-xoghol regolari. Mas-salarju ta' Lulju 2004, il-kumpanija raddet lura l-bqija tas-salarju ta' Frederick Attard sa Lulju 2004, ikkomputat is-*settlement* ta' Lm3,185.26 ghall-finijiet ta' taxxi u thallsu l-kontribuzzjonijiet rispettivi kollha ta' l-N.I. (kif jidher mill-ittra Dok AM1). Il-*payslip* ta' Lulju 2004 taghti rendikont tal-hlasijiet li kienu nghataw lil Frederick Attard (inkluz is-*settlement* li nghata ghall-arretrati kollha sa April 2004), kif ukoll tal-hlasijiet li saru ghall-kontribuzzjoni ta' l-N.I. Kopja tal-*payslip* giet orezentata u immarkata bhala Dok AM2 u tinsab a fol 81. Nota li zamm fil-*file* taghti wkoll rendikont ta' l-ammonti li thallsu f'Lulju 2004. Jekk wiehed ihares lejn l-FS3 ta' Frederick Attard ghas-sena 2003, din turi li hu thallas Lm6,309.50 li jikkonsistu f'Lm5,453.51 paga bazika, Lm178.74 *bonuses* tal-Gvern u Lm677.25 *allowances* ghal xoghol li kien ghamel fuq *shift*. Ghas-sena 2004, l-FS3 ta' Frederick Attard turi li thallas Lm8,876.52 li jikkonsistu f' Lm4,625.38 paga bazika, Lm196.16 *bonuses* tal-Gvern, Lm791.44 *allowances* ghal xoghol li kien ghamel fuq *shift*, Lm78.28 ghal xoghol li kien sar fuq *overtime*, u Lm3,185.26 li thallsu lil Frederick Attard bhala *settlement* ghar-restituzzjoni ghan-nofs paga li nzammet fil-perjodu bejn Mejju u Settembru 2003, ghas-salarju baziku ta' bejn Jannar u April 2004, kif ukoll *bonuses* tal-Gvern li kien intitolat ghalihom bejn Mejju 2003 u April 2004. Is-salarju baziku ta' Frederick Attard ghas-sena 2003 kellu jkun ta' Lm6,965 u dak ghas-sena 2004 Lm7,043, jammontaw ghal Lm14,008 filwaqt li ghal dawk is-sentejn, il-kumpanija hallset lil Frederick Attard l-ammont ta' Lm13,639.05 f'salarju baziku u *bonuses*. Kif gie nfurmat Frederick Attard mill-*payslip* ta' Lulju 2004,

dan kien rizultat tas-*settlement* li sar mill-kumpanija fix-xahar ta' qabel. Qatt ma kien hemm ebda kontestazzjoni min-naha ta' Frederick Attard, sakemm f'xi zmien fl-2005 gie mistoqsi, mill-konsulent legali tal-kumpanija dwar in-nofs salarju baziku li kien mizmum lil Frederick Attard bejn Mejju u Settembru 2003, u dwar jekk dan kienx thallas. Hu irrisponda bl-istess spjegazzjoni li ta fl-affidavit, cioe` li l-kumpanija kienet raddet dak in-nofs salarju baziku lura lil Frederick Attard, bhala parti mis-*settlement* li kien sar f'Gunju 2004. In kwantu ghall-hlas ta' allowances ghal *shift, overtime*, festi u Hdud, qal li dawn jithallsu biss lil dawk l-impjegati li attwalment jahdmu x-*shift*, l-*overtime*, festa jew Hadd. Per ezempju, jekk impjegat ikun marid u ma jidholx ghax-xoghol meta jmissu jahdem fuq *shift*, dan ma jithallasx l-*allowance* ta' dak ix-*shift*, u l-istess jigri meta impjegat ikun barra mix-xoghol fuq *leave* u l-istess jghodd ghal *overtime*, festi u Hdud. Dan huwa wkoll evidenti mill-ftehim kollettiv li hemm bejn il-kumpanija u l-General Workers Union/Union Haddiema Maghqudin.

Xehed <u>Anthony Micallef</u> in kontro-ezami u qal li meta hallsu, kienu hallsu wkoll tal-bolol li gew issetiljati ghas-sena 2003 u ghad-differenzi li kien hemm ghall-2004 ukoll. Mistoqsi kif inhi li fic-certifikat li hareg ic-CIR il-bolol mhux inkluzi qal li hu kellu l-ittra li kienet intbaghtet mid-dipartiment ta' dak iz-zmien fejn qed jiddikjaralu li l-bolol thallsu mill-kumpannija u mill-impjegat ghas-sena 2003 u s-sena 2004. L-ittra msemmija kienet intbaghet fl-2004 fejn ta spjegazzjoni li parti kienet ta' l-2003 u parti ta' l-2004. Qal li ta' l-2004 gew issettiljati.

Rat l-affidavit ta' <u>Austin Calleja</u>, direttur u *chief finance officer* tas-socjeta` Malta International Airport p.l.c. u ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar 4 snin. Fil-5 ta' Mejju 2003 ittiehdu passi dixxiplinarji kontra Frederick Attard. Gie sospiz u din is-sospensjoni baqghet fis-sehh sat-22 ta' Settembru 2003 meta l-bord tad-dixxiplina ta d-decizjoni tieghu. Ir-rikorrent appella mid-decizjoni moghtija mill-Bord, u l-mizuri rakkomandati mill-bord tad-dixxiplina ma gewx implimentati, sabiex l-ewwel tinghata decizjoni finali mill-bord ta' l-appell. Bejn Settembru 2003 u Gunju 2004, il-kumpanija kienet ghadha qed izzomm in-

nofs paga bazika li Frederick Attard ma thallasx fil-perjodu bejn Mejju u Settembru 2003, jigifieri meta kien sospiz fuq nofs paga. Kien hemm perjodu, bejn Jannar u April 2004, li fih Frederick Attard kien sospiz minghajr paga, waqt li kienet qed tigi mistennija d-decizjoni tal-bord ta' l-appell u f'dan iz-zmien ittiehdu proceduri kontra l-kumpanija u kontra s-Sur Peter Bolech, *Chief Executive Officer* tal-kumpanija ghall-hlas ta' xi ammonti. Meta talab lill-*accounts department* johrog rendikont ta' kemm kienu dovuti flus mill-kumpanija lil Frederick Attard, l-ammont kien ta' Lm3,552.54. Il-kumpanija offriet l-ammont li kien qed jintalab, cioe` Lm3,185.26, bhala *settlement* ghall-ammont li kellhom jinghataw sal-ahhar ta' April 2004. Dan jidher car mir-rendikont li nghata lil Frederick Attard fil-*payslip* ta' Lulju 2004. Dan is-*settlement* ma giex kontestat fl-ebda mument, tant illi wara dan il-hlas, gew sahansitra irtirati l-proceduri kontra s-Sur Peter Bolech. Wara l-accettament ta' dan is-*settlement*, il-kumpanija hallset ukoll id-differenza ta' N.I. *contribution* li kellha thallas ghal Frederick Attard (jigifieri kontribuzzjonijiet rispettivi ghal nofs il-paga li ntraddet ghall-perjodu ta' bejn Mejju u Settembru 2003, kif ukoll ghall-paga li ntraddet ghall-2004), kif jidher mill-ittra li ntbaghtet lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Wara dan peress illi ma kenitx ghadha ttiehdet decizjoni mill-bord ta' l-appell, u peress illi waqt li jkun sospiz, impjegat ma jahdimx *shift, overtime*, festi u Hdud, il-kumpanija hasset li Frederick Attard kellu jerga' jiddahhal lura ghax-xoghol, u tigi riveduta s-sitwazzjoni ladarba tkun inaghatat decizjoni mill-bord ta' l-appell. Jekk wiehed jara x'ammonti kellu jiehu Frederick Attard bhala paga bazika u *bonuses* fl-2003 u l-2004, dawn huma Lm6,745 u Lm220 (2003) u Lm6,784 u Lm259 (2004), li jammontaw ghal Lm14,008. Issa skond *reconciliation* tal-kumpanija, kif jista' juri ahjar is-Sur Anthony Micallef, fl-2003 u l-2004 Frederick Attard gie moghti kumpessivament l-ammont ta' Lm13,639.05 bhala paga bazika, jigifieri Lm368.95 inqas minn dak li suppost, u dan minhabba s-*settlement* li sar f'Gunju tal-2004. Dan huwa punt li jista` jigi ippruvat lil Frederick Attard.

Xehed <u>Austin Calleja</u> u ikkonferma li nofs il-paga minn Mejju sa Settembru r-rikorrent kien hadha, izda li ma

tawhx biss kien Lm368.95c minhabba t-tahwid li kien hemm, daqqa kien b'nofs paga, daqqa kien bil-paga, meta ghamlu rikonciljazzjoni sabu li ma tawx lis-sur Attard Lm368.95c. Matul iz-zmien li Frederick Attard ghamel sospiz, kien *on forced leave* u z-zminijiet li semmew, hu ma gie moghti l-ebda *allowances*, *overtime* u oggetti simili.

Gie prezentat affidavit ta' Austin Calleja li minnu jirrizulta l-ammonti li Malta International Airport p.l.c. hallset lil Frederick Attard ghal *overtime*, *shift allowances* u *Sunday and Public Holiday allowance*, ghas-snin 2001 u 2002. Gie rilevat illi fis-snin in kwistjoni, l-*allowance* tax-*shift* kienet somma fissa fis-sena, filwaqt illi din il-procedura nbidlet fl-2005, meta permezz ta' ftehim kollettiv li dahal fis-sehh minn dik is-sena, il-mekkanizmu tal-hlas ta' *allowances* inbidel sabiex impjegat jithallas *allowance* ta' xoghol fuq *shift*, Hdud u/jew festi pubblici, biss jekk l-impjegat ikun attwalment hadem dak ix-shift.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***D1. Fatti tal-kaz:***

Illi ghalkemm iz-zewg nahat ma mxewx dirett ghall-provi rilevanti izda hadu gost isemmu kwantita` kbira ta' affarijiet irrelevanti, xorta wahda jitnisslu numru ta' fatti ghalkemm certament kien ikun ahjar li kieku ikkoncentraw fuq dak li hu relevanti. Izda pero` hareg car li r-rikorrent huwa impjegat bhala *Senior Officer* mas-socjeta` konvenuta u wara incident li xi whud irreferew ghalih bhala cajta, ir-rikorrent kien gie sospiz fil-5 ta' Mejju 2003 u ttiehdu passi dixxiplinarji kontrih u waqt is-sospensjoni, bejn il-5 ta' Mejju 2003 u l-21 ta' Settembru 2003 tpogga fuq nofs paga. Ghalkemm l-ewwel bord kien sab htija fir-rikorrent, il-bord ta' l-appell kien sab li ma hemm l-ebda htija f'decizjoni tas-7 ta' Marzu 2005. Izda irrizulta wkoll li s-socjeta` intimata hadet diversi azzjonijiet kontra r-rikorrent matul is-sospensjoni u zmien minnhom anqas biss thallas tas-salarju tant li ittiehdu passi kriminali kontra d-direttur tas-socjeta` intimata, li waqfu biss meta sar xi hlas.

Il-Qorti trid taghmilha cara li hi bil-fors trid tqis id-decizjoni tal-bord ta’ l-appelli bhala wahda valida u timxi a bazi taghha u dan stante li ma hemm ebda prova li b’xi mod ma gewx osservati l-principji tal-gustizzja naturali jew li saret xi irregolarita` f’dawk il-proceduri. Hu propju ghalhekk li ssib li hafna mill-affidavits (li whud minnhom fihom argumentar u mhux stqarrija ta’ fatti u l-konsulenti legali messhom ma hallewhomx jiffurmaw parti mill-process) ghandhom hafna partijiet twal irrelevanti.

***<u>D2. Hlas ta’ allowances:</u>***

Dwar l-eccezzjoni dwar *allowances* varji, fosthom *shift allowance*, *Sunday allowance*, *holiday allowance* u *overtime allowance*, is-socjeta` intimata tinsisti li dawn m’ghandhomx jithallsu ghax fil-fatt ix-xoghol ma sarx mir-rikorrent. Anthony Micallef, *Administrator payroll* tas-socjeta` intimata, sostna li in kwantu ghall-hlas ta’ *allowances* ghal *shift*, *overtime*, festi u Hdud, hu seta’ jghid li dawn jithallsu biss lil dawk l-impjegati li attwalment jahdmu x-*shift*, l-*overtime*, festa jew Hadd. Izda l-Qorti ssib dan ir-ragunar ferm zbaljat ghax huwa veru li min ma jahdimx dawn is-sighat m’ghandux dritt ghal hlas, izda hawn ghandna kaz fejn is-socjeta` intimata ma hallitux hi lir-rikorrent jahdimhom, u minhabba l-agir zbaljat taghha (kif jirrizulta mid-decizjoni tal-bord ta’ l-appelli li kien zbaljat) ir-rikorrent bata li tilef dawn l-*allowances*. L-artikolu 1031 tal-Kap 16 jaghmilha cara “li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu”. Huwa inutili li fin-nota responsiva, is-socjeta` intimata tibqa’ ssostni li kienet gustifikata fl-agir taghha meta l-bord ta’ l-appelli ikkonkluda mod iehor. Bl-istess mod huwa inutili li fl-imsemmija nota jissemma l-artikolu 1030 tal-Kap 16, ghax dan huwa kaz li jaqa’ taht l-artikolu 1031. Huwa ovvju li Attard li dejjem hadem is-sighat kollha ta’ Hdud u festi meta dawn gew offruti lilu, ma jistax ibati hu l-hsara li grat (it-telf ta’ *allowances*) meta responsabbli ghall-agir kienu xi ufficjali tas-socjeta` intimata, u dak li gara kien, skond ma irrizulta mid-decizjoni tal-bord, bi htija taghhom. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Ir-rikorrent irreklama Lm4287.57 rapprezentanti *allowance*, *Government bonuses* u *cost of living*

*adjustments* li huwa tilef matul il-perjodu li thalla barra mix-xoghol. L-ammont reklamat mir-rikorrent jidher dettaljatament spjegat f'Dok A, a fol 4 tal-process. Ir-rikorrent ghalhekk isostni telf ta' Lm4287.57, izda l-Qorti wara li ezaminat dokument a fol 109 tal-process (affidavit ta' Austin Calleja) riferibbli ghas-snin 2001 u 2002 fejn ta' sentejn jammonta ghal Lm3661, izda wara li qieset awmenti li normalment ikun hemm, kif ukoll id-durata taz-zmien ta' sospensjoni u li ghalhekk ir-rikorrent ma setax jibbenefika minn dawn l-*allowances* ghall-perjodu releventi, kif ukoll ghall-principji hawn fuq imsemmija, thoss li *arbitrio boni viri* ghandha tapplika l-figura ta' €7,000.

***D3. Talba dikjarazzjoni li r-rikorrent kien sospiz:***

L-ewwel talba tar-rikorrent tghid:

"Tiddikjara li r-rikorrent kien minhabba l-proceduri ta' dixxipplina mehuda kontrih, gie sospiz b'effett mill-5 ta' Mejju 2003 u tqieghed fuq nofs paga ghall-perjodu mill-5 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Settembru 2003".

Dwar dan ma tantx hemm bzonn ta' provi minhabba l-fatt li mir-risposta tas-socjeta` intimata stess hemm qbil li r-rikorrent huwa *Senior Officer* (para 4) u li fil-5 ta' Mejju 2003 ittiehdu passi dixxiplinarji kontra tieghu (para 5), u li hu kien fuq nofs il-paga bazika bejn il-5 ta' Mejju 2003 u l-21 ta' Settembru 2003 (para 7). Ghalhekk din id-dikjarazzjoni certament hija milqugha.

***D4. Ammonti ohra mitluba:***

Ir-rikorrent talab ukoll il-kundanna tas-socjeta` intimata fis-somma ta' Lm5573.40 in kwantu ghal Lm1289.83 rapprezentanti nofs il-paga li ma nghatatlux waqt l-imsemmija sospensjoni u in kwantu ghal Lm4287.57 rapprezentanti hlas ta' danni. Dwar l-ahhar ammont imsemmi l-Qorti gja ipprovvdiet f'"D2" hawn fuq. Jifdal ghalhekk li l-Qorti tezamina jekk hux dovuti, kif mitlub mir-rikorrent, l-ammont ta' Lm1289.83.

Skond ix-xhieda ta' Austin Calleja, *Chief Financial Officer* mal-Malta International Airport:

"Jekk wiehed jara x'ammonti kellu jiehu Frederick Attard bhala paga bazika u *bonuses* fl-2003 u l-2004, dawn huma Lm6,745 u Lm220 (2003) u Lm6,784 u Lm259 (2004), li jammontaw ghal Lm14,008. Issa skond *reconciliation* tal-kumpanija, kif jista' juri ahjar is-Sur Anthony Micallef, fl-2003 u l-2004 Frederick Attard gie moghti kumpessivament l-ammont ta' Lm13,639.05 bhala paga bazika, jigifieri Lm368.95 inqas minn dak li suppost, u dan minhabba s-*settlement* li sar f'Gunju tal-2004."

Fit-13 ta' April 2004 id-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg kiteb lic-*Chairman* tal-MIA u talbu jhallas Lm2619.22, *basic wages* minn 08/01/04 sa 30/03/04 u *weekly allowance*, *one time special bonus* u 296 *hours vacation leave* (ara Dokument O). Fid-dokument Q, a differenza tad-Dokument O, zdied l-ammont ta' Lm565.34 salarju ghax-xahar ta' April u ghalhekk l-ammont tela' ghal Lm3185.26. Dan thallas permezz ta' cheque fl-24 ta' Gunju 2004 meta kien hemm il-kawza quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Issa r-rikorrent jinsisti li s-socjeta` intimata ma hallsitx nofs il-paga ghall-perjodu mill-5 ta' Mejju 2003 sal-21 ta' Settembru 2003 meta r-rikorrent kien taht sospensjoni b'nofs paga, u dana ghax l-ammont ta' Lm3185.26 jikkorrispondi ghal dak f'Dokument Q filwaqt li s-socjeta` intimata tghid li minn dan l-ammont huwa dovut biss Lm368.95. Izda l-Qorti thoss li dwar dan l-aspett ghandha toqghod fuq il-provi migjuba mir-rikorrent ghax infatti dwar l-ammont ta' Lm368.95 anqas ma nghatat spjega sufficjenti ta' kif is-socjeta` intimata waslet ghal dan l-ammont. Ghalhekk l-ammont dovut taht din is-sezzjoni huwa ta' Lm1289.83, ossija €3004.50.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghalhekk il-Qorti wara li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata kif spjegat hawn fuq, tilqa' t-talbiet attrici kif imsemmi hawn fuq u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' €10,004.50 kif mitlub fit-tielet talba.

Fit-talbiet intalab ukoll l-imghax mis-7 ta' Marzu 2005, izda tali talba ma tistax tigi milqugha minhabba li l-ammont ma kienx wiehed likwidat.

Spejjez 4/5 ghas-socjeta` intimata u 1/5 ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------